**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta’ nhar-il Ħamis 13 ta’ Ottubru 2016**

**Att ta’ Akkuża**
**Nru. 14/2014**

**Ir-Repubbblika ta’ Malta**

**v.**

**Antoine Grima**
**u**
**... *omissis* ...**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-akkużati Antoine Grima, detentur tal-karta tal-identita` numru 141389M u *omissis*, talli fit-3 ta’ Mejju 2012 għall-ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin ta’ fil-għaxija (20:40hrs), ġewwa Triq it-Teatru l-Antik, ġewwa l-Belt Valletta:

(1) assoċjaw rwieħhom flimkien f’Malta bil-għan li jagħmlu delitt/i f’Malta bil-għan li għalihom hemm il-piena ta’ priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa:

(2) bil-ħsieb li jagħmlu delitt u cioe` delitt ta' serq ta' *handbag* minn fuq il-persuna ta' Anne Borg anzjana ta' 63 sena u urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volonta` tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza diretta lejn persuna ta' eta` ta' aktar minn sittin sena, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix il-232.93 Euros (mitt lira Maltija);

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fuq persuna anzjana u cioe` Anne Borg ta' 63 sena skond kif iċċertifika Dr. Christian Zammit mill-isptar Mater Dei u Dr. Robert Patiniott miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana.

Lil *omissis* waħdu talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani LLD datata 26 ta' Frar 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

**2.** Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta' Ottubru 2014 fejn l-akkużat Antoine Grima ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma tali ammissjoni fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 anke wara li l-Qorti akkordatlu żmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

**3**. Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Awwissu 2014 fejn l-akkużat *omissis* irreġistra ammissjoni għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu u ikkonferma tali ammissjoni fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 u dan wara li l-Qorti akkordatlu żmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess.

**4.** Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fis-17 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputati rreġistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**5.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża u l-fedina penali aġġornata tal-hatja, u semgħet trattazzjoni dwar piena, u wara li kkunsidrat l-ammissjoni reġistrata mill-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kkonfermata minnhom fis-16 ta' Ottubru 2014, sabithom ħatja talli fit-3 ta' Mejju 2012 għall-ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin ta' fil-għaxija (20:40hrs), ġewwa Triq it-Teatru l-Antik, ġewwa l-Belt Valletta:

(1) assoċjaw rwieħhom flimkien f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta bil-għan li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa:

(2) bil-ħsieb li jagħmlu delitt u cioe` delitt ta' serq ta' *handbag* minn fuq il-persuna ta' Anne Borg anzjana ta' 63 sena u urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mill-volonta` tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza diretta lejn persuna ta' eta` ta' aktar minn sittin sena, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix il-232.93 Euros (mitt lira Maltija);

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġunaw ġrieħi ta' natura gravi fuq persuna anzjana u cioe` Anne Borg ta' 63 sena skond kif iċċertifika Dr. Christian Zammit mill-Isptar Mater Dei u Dr. Robert Patiniott miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana.

Lil *omissis* waħdu talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani LLD datata 26 ta' Frar 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**6.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a), 222A(1), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(a), 276A, 277A, 17(b), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-ħatja għal perijodu ta' ħames snin priġunerija, filwaqt illi fil-konfront ta' *omissis*, wara li rat l-artikoli 7 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat illi l-ħati *omissis* jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali sabiex jinġieb quddiemha u dan biex jiġi trattat għar-reat li dwaru saret l-Ordni ta' Probation bis-sentenza tas-26 ta' Frar 2010 b'kull mod li seta' jiġi trattat li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat. Finalment ikkundannat lill-ħatja jħallsu f'ishma indaqs bejniethom is-somma ta' €337.50 inkorsi bhala spejjeż peritali u dan fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata b'dan illi jekk l-imsemmi

ammont ma jitħallasx jiġi konvertit minnufih f'piena karcerarja skont il-liġi. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> "Illi il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija fasslu il-linji gwida li il-Qorti ghandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);
>
> "Illi inoltre fil-kaz in dizamina il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi apparti l-ammissjoni irregistrata mill-akkuzati. Illi b'mod ewlieni ghandu jirrizulta mill-atti illi z–zewg akkuzati huma mahkuma mill-vizzju tad-droga. L-akkuzat *omissis*, imbaghad ghandu problemi ohra psiko-socjali li ukoll jaffettaw l-imgieba tieghu specjalment meta dan ikun qed ighix f'ambjent minghajr ebda struttura. Fil-fatt skont l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard li jidher illi ilha issegwieh ghal diversi snin, huwa ghandu bzonn tim shih ta' nies professjonisti fosthom piskjatra u *social workers* sabiex isewguh u dan b'mod kontinwu u regolari u dan bil-ghan illi l-imgieba tieghu ma tiddeterjorax. Prezentement jidher illi *omissis* qieghed ighix fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sezzjoni YOURS fejn qed jinghata l-kura mehtiega. L-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-akkuzat Antoine Grima li ukoll ghandu diversi problemi f'hajjtu li sahansitra nibtu fit-tfulija tieghu minn trobbija xejn felici fejn allura huwa spicca vittma tal-vizzju tad-droga. Fil-fatt mill-atti jidher illi kien hemm pjan mis-*social workers* li qed isegwuh sabiex jibda programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni tieghu.
>
> "Minn dawn il-fatturi kollha jidher illi z-zewg akkuzati, ghalkemm afflitti minn problemi serji kemm psikologici kif ukoll socjali qed jippruvaw fil-limitazzjonijiet taghhom jaghmlu progress u anke hemm diversi nies professjonali qed jippruvaw ighinuhom. Madanakollu il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi huma fil-prezenti istanza ammettew li ikkomettew diversi reati ta' natura gravi b'mod ewlieni ir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, fejn sahanistra persuna vulnerabbli u cioe` mara anzjana spiccat sofriet griehi ta' natura gravi b'konsegwenza ta' l-azzjonijiet irrisponsabbli taghhom, tant illi hija sofriet griehi ta' natura gravi per durata billi hija baqghet issofri minn restrizzjoni fil-moviment ta' l-ispalla x-xellugija minhabba l-ksur li sofriet f'dan is-sinistru.
>
> "Illi kif gie superjorment deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kaz Ir-Repubblika ta' Malta vs Aaron Cassar deciza fl-10 ta' Dicembru 2015:
>
> "'Il-fatt illi xi ħadd jinħakem mill-vizzju tad-droga ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minħabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jiġi skużat għal għemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-ħati jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jaħrab milli jiġi punit skont il-liġi. Il-pieni m'għandhomx biss skop riformattiv iżda għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali. Inoltre, il-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar mhux biss li l-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, iżda li meta tali vjolenza

tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni oħra partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar severa minn dik li normalment tingħata f'każijiet oħra.'

"Illi ghalhekk ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzati qed jippruvaw jirrifurmaw hajjithom, madanakollu din il-Qorti trid tara illi tohloq bilanc bejn il-htiega li s-socjeta` tigi imharsa minn dawn it-tip ta' reati u fl-istess waqt ma twarrabx minn quddiem ghajnejha l-aspett riformattiv tal-hatja. Dan ghaliex il-piena trid isservi mhux biss sabiex ma ikunx hemm ir-ripetizzjoni tar-reat izda ukoll sabiex d-delinkwent ikun reformat tali illi ma jergax jazzarda jaqa' fin-nasba tal-kriminalita`.

"Illi fil-kaz prezenti dan il-bilanc jista' jinholoq biss billi tigi inflitta piena karcerarja effettiva bit-tama illi matul il-permanenza taghhom gewwa il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin il-hatja ikomplu fit-triq tar-riforma taghhom billi illum il-Facilita` toffri diversi servizzi sabiex tassisti lir-residenti taghha, ghalkemm ghad fadal hafna xoghol x'jsir. Il-Qorti ghalhekk qed taghmel rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex il-hatja jinghataw l-ghajnuna kollha li ghandhom bzonn sabiex meta huma jiskontaw il-piena li ser tigi inflitta fuqhom ikunu jistghu jergghu jirrintegraw rwiehom fis-socjeta` bhala cittadini onesti."

**7.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Antoine Grima ppreżentat fil-11 ta' Lulju 2016 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dwar ir-reita` u tibdilha dwar il-piena biex taghmel aktar dwar l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u l-benefiċċju li għandu jieħu mill-ammissjoni bikrija; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**8.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"**1. Fuq l-ewwel akkuza (Art 48A Kodici Kriminali)**

"Din fil-fatt mhi akkuza xejn, u ma hix reat. L-assocjazzjoni tal-Kodici Kriminali (b'differenza mill-assocjazzjoni fir-reati tad-drogi) mhix reat a se stante, imma jiddependi fuq ir-reat li dwaru hemm assocjazzjoni. Jekk il-hatja jkunu waslu ghall-istadju tal-ippjanar biss, allura japplika dan l-artiklu biex titkejjel il-piena. Jekk jghaddu ghall-bidu tal-esekuzzjoni, allura jissopravjeni t-tentativ, u l-piena tkun oghla. Ghalhekk dan il-kap kellu jigi assorbit fit-tieni.

"**2. Fuq it-tieni u t-tielet kap.**

"Il-prosekuzzjoni iddecidiet li taqsam l-akkuza fi tnejn, cioe` s-serq aggravat ghalih u l-griehi ghalihom.

"Fis-serq aggravat dahhlet biss l-aggravanti tal-eta` tal-vittma, u cioe` 'l fuq minn 60 sena. Jekk l-esponenti ammetta, certament ma kienx qed jammetti ghall-artiklu citat mill-Qorti Art 274(a), ghax dan l-anqas kien biss dedott kontra tieghu. Huwa ma kienx akkuzat li kkommetta serq akkumpanjat mill-griehi. Serq akkumpanjat

mill-eta` u dan skont l-artiklu 276A. Il-piena tas-serq ta' valur anqas minn €233 u aggravat bil-hin, tizdied bi gradi, imma tonqos ghax hemm biss tentattiv.

"Hemm qabza ghall-akkuza taht l-artiklu 274(a)!

"It-tielet kap huwa ghalih.

"**3. It-Tielet kap.**

"It-tielet kap huwa dwar il-griehi. Il-ferita gravi ggib piena minn 9 xhur sa 9 snin. Importanti hafna l-minimum fuq dan ir-reat mehud wahdu.

"Kieku l-griehi gew dedotti bhala aggravanti tas-serq, il-piena kienet titla' enormement, u dan ghaliex kien ikun hemm il-griehi u l-aggravanti tal-eta`.

"Imma l-esponenti gie hawn akkuzat biss ta' griehi gravi.

"**Piena**

"Fit-tieni kap tal-akkuza, ghalhekk l-esponenti kellu jinstab hati ta' tentativ ta' serq semplici, aggravat bil-hin, u "vjolenza" skont l-Art 276A. Jidhol fix-xena l-artiklu 285 tal-Kodici, u jidhol ukoll fix-xena l-Artiklu 281. Li jrid jitnaqqas umbaghad bhala tentattiv.

"Fuq it-tielet akkuza l-piena minima hija ta 9 xhur.

"Issa bil-konsiderazzjoni legali li ghamlet l-ewwel Qorti fuq il-piena wara ammissjoni bikrija, il-piena ma kellhiex tkun dik inflitta. Kollox jiskaturixxi bhala zball mill-impressjoni li l-esponenti kien akkuzat b'serq aggravat mill-griehi gravi u mhux tas-serq aggravat bl-eta`."

**9.** Kif din il-Qorti dejjem irriteniet[1] u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Diċembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Serag F. H. Ben Abid**, 4 ta' Diċembru 2003.

**10.** Issa, permezz ta' l-appell tiegħu l-appellant qiegħed jitlob speċifikatament li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar ir-reita` u tibdilha dwar il-piena. Għalhekk din il-Qorti ma tista' qatt tasal biex ma ssibx reita` dwar xi waħda jew oħra mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu u li hu ammetta għalihom u konsegwentement ġie dikjarat ħati tagħhom.

**10.** Dwar l-ewwel akkuża, din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero`, illi meta persuna tiġi akkużata bir-reat ta' assoċjazzjoni taħt l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni għandha tispeċifika mill-ewwel u fl-istess paragrafu r-reat li dwaru qed tgħid li tkun saret l-assoċjazzjoni. Fil-każ odjern din il-Qorti innotat illi fi tmiem l-ewwel akkuża, hemm *colon*, simbolu li jintuża fil-kitba biex, *inter alia*, jindika li dak li ġej huwa elaborazzjoni ta' dak li jippreċedi. Jiġifieri huwa evidenti illi l-intendiment tal-prosekuzzjoni kien illi l-assoċjazzjoni kienet dwar ir-reat jew reati li kienu se jissemmew wara. Xorta din il-Qorti tgħid illi l-prosekuzzjoni m'għandhiex taqta' fil-qasir bl-użu ta' simbolu u, biex ma tħalli l-ebda dubju tippreċiża fl-istess akkuża ta' assoċjazzjoni r-reat rilevanti.

**11.** Dwar din l-ewwel akkuża, l-appellant jgħid illi l-Ewwel Kap kellu jiġi assorbit fit-Tieni. Jiġifieri qiegħed b'dan isostni illi bejn l-Ewwel u t-Tieni Kap jeżisti konkors formali. L-appellant m'għandux raġun peress illi bejn ir-reat ta' assoċjazzjoni u r-reat ta' serq aggravat m'hemmx inseparabilita` ġuridika. Il-"fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol ta' l-ewwel reat huwa l-ftehim bejn mill-inqas tnejn min-nies biex iwettqu delitt. Bħalma jgħid is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48A, l-assoċjazzjoni **"tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni"**. Il-qofol tat-tieni reat huwa s-serq (f'dan il-każ, it-tentattiv ta' serq), naturalment bil-kwalifiki attinenti. Dak li jeżisti bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap huwa l-konkors materjali u allura l-applikabilita` tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**12.** Dwar it-tieni akkuża, l-appellant jgħid illi hawn huwa ma ġiex akkużat b'serq akkumpanjat bi ġrieħi iżda bl-aggravanti ta' l-eta` u għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-artikolu 274(a) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant, pero`, m'għandux raġun. Fit-tieni akkuża l-appellant ġie akkużat b'tentattiv ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza diretta lejn persuna ta' eta` ta' aktar minn sittin sena u bil-ħin.[2] Mela, fost il-kwalifiki hemm dik ta' "vjolenza diretta lejn persuna ta' eta` ta' aktar minn sittin sena". L-artikolu 262 tal-Kodiċi Kriminali jiddefinixxi x'inhi "vjolenza", u tinkludi meta s-serq isir flimkien ma' offiża fuq il-persuna. L-"eta`" mhijiex waħda mill-kwalifiki elenkati fl-artikolu 261 tal-

[2] L-akkuża ssemmi wkoll "valur li ma jeċċedix il-232.93 Euros", iżda biex is-serq ikun ikkwalifikat bil-valur, il-valur tal-ħaġa misruqa trid tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

Kodiċi Kriminali iżda hija aggravanti skond l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali fejn allura l-piena tiżdied minħabba l-eta` żgħira jew kbira tal-vittma.[3]

**13.** Dwar it-tielet akkuża, il-fatt li hu l-bażi tat-tielet akkuża – l-offiża fuq l-anzjana – hu l-istess fatt li jagħti lok għall-aggravju ta' vjolenza għall-finijiet ta' l-akkuża ta' serq, ossia f'dan il-każ tentattiv ta' serq. Għalhekk f'dan il-każ hemm inseparabilita` ġuridika bejn ir-reat ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat, *inter alia,* bil-vjolenza, u r-reat ta' offiża gravi, b'mod li għandu jiġi kkunsidrat li hemm reat wieħed u cioe` dak l-aktar gravi. Dan jirriżulta ċar anke mill-konkors materjali ta' reati u konkors ta' pieni li jippreskrivi li meta reat ikun serva bħala mezz għall-kommissjoni ta' reat ieħor għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi, basta li ż-żewġ reati ma jkunux flimkien jagħmlu reat kwalifikat; u dan proprju għax jekk il-fatt li jammonta għal reat ikun diġa` qiegħed fil-kamp tal-konkors formali (bħalma huma t-tieni u t-tielet akkużi), ma jkunx aktar f'dak tal-konkors materjali. Naturalment tagħmel sew il-prosekuzzjoni li timputa l-offiża gravi separatament mis-serq ikkwalifikat f'każijiet bħal dawk in diżamina, għax jekk ma tagħmilx hekk u in segwitu jirriżulta bħala fatt jew li ma kienx hemm serq jew li l-offiża ma kinitx intiża mill-imputat sabiex jiffaċilita s-serq, il-prosekuzzjoni tkun tilfet l-opportunita` li għall-anqas takkuża bir-reat ta' offiża gravi.

**14.** Dwar il-piena jrid jiġi kkunsidrat, mela, illi l-ewwel akkuża serviet bħala l-mezz għall-fini tat-tieni akkuża (konkors materjali), filwaqt illi bejn it-tieni akkuża u t-tielet akkuża hemm il-konkors formali. Ikkunsidrata l-piena għar-reati addebitati lill-appellant, hi għalhekk applikabbli l-piena għat-tieni akkuża. Minn eżami ta' l-atti jirriżulta li l-offiża gravi li ġarrbet l-vittma tidher li hi waħda permanenti għax għalkemm il-ksur li kellha fil-*humerus* tax-xellug għaqad, dan ħalla ftit restrizzjoni fil-moviment ta' l-ispalla, b'dan illi, kif xehed l-espert mediku, il-vittma xorta tista' tagħmel kollox waħedha.

**15.** Issa, il-piena għal serq ikkwalifikat kif ingħad hi dik ta' priġunerija għal żmien minn erba' snin sa tnax-il sena. Din għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi stante li l-vittma kellha aktar minn sittin sena. Jiġifieri l-piena minima msemmija titla' bi grad għal ħames snin waqt li l-piena massima titla b'żewġ gradi għal tletin sena. Mill-banda l-oħra, trattandosi ta' tentattiv u l-applikabilita` ta' l-artikolu 41((1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena terġa' tonqos bi grad jew żewġ gradi. Mela l-piena minima issa tonqos b'żewġ gradi minn ħames snin għal tlett snin waqt li l-piena massima minn tletin sena tonqos bi grad għal għoxrin sena. Għalhekk il-piena ta' ħames snin priġunerija nflitta

[3] "**276A.** Il-pieni msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276 għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-"vjolenza" hemm imsemmija tkun diretta kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tagħmel reżistenza xierqa."

mill-ewwel Qorti hi ħafna aktar viċin il-minimu milli l-massimu tal-piena erogabbli.

**16.** U bħalma qalet din il-Qorti diversament komposta f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: **"Il-pieni għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali; u l-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar mhux biss li l-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, iżda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni oħra partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar severa minn dik li normalment tingħata f'każijiet oħra."**

**17.** Meqjus dan kollu, meqjusin iċ-ċirkostanzi tal-każ (komunement imsejjaħ *snatch and grab* u li sar reat pjuttost rikorrenti), u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet dettaljati li għamlet l-ewwel Qorti u fuq riportati, din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karċerarja.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali jibda jiddekorri millum.